# REGOLAMENT (UE) Nru 283/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-11 ta' Marzu 2014

## dwar linji gwida għal networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [3],

Billi:

(1) In-networks u s-servizzi tat-telekomunikazzjoni qegħdin isiru infrastrutturi dejjem aktar ibbażati fuq l-internet, b'interrelazzjoni mill-qrib bejn in-networks tal-broadband u s-servizzi diġitali. L-internet qiegħed isir il-pjattaforma dominanti għall-komunikazzjoni, is-servizzi, l-edukazzjoni, il-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali u politika, il-kontenut kulturali u n-negozju. Għalhekk, id-disponibbiltà trans-Ewropea ta' aċċess mifrux, b'veloċità għolja u sikur għall-internet u s-servizzi diġitali fl-interess pubbliku hija essenzjali għat-tkabbir soċjali u ekonomiku, il-kompetittività, l-inklużjoni soċjali u s-suq intern.

(2) Fis-17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew approva l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2010 dwar Aġenda Diġitali għall-Ewropa li timmira li twitti t-triq biex timmassimizza l-potenzjal soċjali u ekonomiku tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Hija tfittex li tixpruna l-provvista u d-domanda ta' infrastruttura kompetittiva tal-internet b'veloċità għolja u servizzi diġitali kompetittivi bbażati fuq l-internet, fl-avvanz lejn Suq Uniku Diġitali fattwali, li huwa essenzjali għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

(3) Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] jiddetermina l-kondizzjonijiet, metodi u proċeduri għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni lil networks trans-Ewropej fis-setturi tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. Billi hemm sfidi u opportunitajiet simili fis-setturi koperti mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), hemm lok sinifikanti għall-isfruttar ta' sinerġiji, inkluż billi jiġi kkombinat il-finanzjament tas-CEF ma' sorsi oħra ta' finanzjament.

(4) Għadd kbir ta' servizzi diġitali transkonfinali, li jimplimentaw skambji bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni, huma realtà. Meta niġu biex nipprovdu soluzzjonijiet ġodda, huwa importanti li nisfruttaw is-soluzzjonijiet eżistenti implimentati fil-kuntest ta' inizjattivi Ewropej oħra, li nevitaw id-duplikazzjoni tax-xogħol, u li niżguraw il-koordinazzjoni u l-allinjar ta' approċċi u soluzzjonijiet fost l-inizjattivi u l-politiki, bħal, pereżempju, il-programm tal-ISA stabbilit mid-Deċiżjoni 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5], il-programm Fiscalis stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1286/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6], u Orizzont 2020 stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [7]. Bl-istess mod, huwa importanti li s-soluzzjonijiet ikunu konformi ma' standards internazzjonali u/jew Ewropej miftiehma jew ma' speċifikazzjonijiet miftuħa għall-interoperabbiltà, b'mod partikolari dawk identifikati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament

[1] Opinjoni tat-22 ta' Frar 2012 (ĠU C 143, 22.5.2012, p. 120) u Opinioni tas-16 ta' Ottubru 2013 (Għadu mhuwiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU C 225, 27.7.2012, p. 211 u ĠU C 356, 5.12.2013, p. 116.

[3] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Frar 2014. (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014.

[4] Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

[5] Deċiżjoni 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ĠU L 260, 3.10.2009, p. 20).

[6] Regolament (UE) Nru 1286/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jittejjeb it-tħaddim tas-sistemi ta' tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea għall-perijodu 2014-2020 (Fiscalis 2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1482/2007/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 25).

[7] Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

(UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u speċifikazzjonijiet u orjentazzjonijiet oħra rilevanti, bħall-Qafas Ewropew tal-Interoperabbiltà għas-servizzi pubbliċi Ewropej (EIF).

(5) L-iżvilupp ta' networks tal-broadband ta' veloċità għolja jikseb benefiċċju minn standards tekniċi Ewropej. Jenħtieġu programmi ta' riċerka u ta' żvilupp fl-Unjoni u żieda fil-monitoraġġ tal-proċeduri ta' standardizzazzjoni jekk l-Unjoni trid tiżvolġi rwol ċentrali fl-industrija tat-telekomunikazzjoni.

(6) Proġetti pilota fuq skala kbira bejn l-Istati Membri, kofinanzjati mill-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni ([2]), fosthom PEPPOL, STORK, epSOS, eCODEX jew SPOCS, ivvalidaw servizzi diġitali transkonfinali ewlenin fis-suq intern, abbażi ta' elementi modulari komuni, li qed jiġu kkonsolidati bil-proġett eSENS. Dawk il-proġetti pilota diġà laħqu, jew se jilħqu fil-futur qrib, il-livell ta' maturità meħtieġa għall-implimentazzjoni. Il-proġetti eżistenti ta' interess komuni diġà wrew il-valur miżjud evidenti tal-azzjoni fuq il-livell Ewropew, bħal fl-oqsma tal-wirt kulturali (Europeana), il-protezzjoni tat-tfal (Internet Aktar Sikur), is-sigurtà soċjali (EESSI), filwaqt li ġew proposti oħrajn, bħal fil-qasam tal-ħarsien tal-konsumaturi (ODR).

(7) Fir-rigward tal-infrastrutturi ta' servizzi diġitali, l-elementi modulari għandhom jieħdu l-prijorità fuq infrastrutturi oħra ta' servizzi diġitali, billi tal-ewwel huma prekondizzjoni għal tat-tieni. Fost l-oħrajn, l-infrastrutturi ta' servizzi diġitali għandhom joħolqu valur miżjud Ewropew u jissodisfaw bżonnijiet ipprovati. Għandhom ikunu maturi biżżejjed għall-implimentazzjoni, teknikament kif ukoll operattivament, kif ikun ġie pprovat b'mod partikulari permezz ta' proġetti pilota li jkunu rnexxew. Għandhom jissejsu fuq pjan konkret ta' sostenibbiltà sabiex jiżguraw l-operat għal żmien medju u fit-tul tal-pjattaformi ta' servizzi ewlenin lil hinn mis-CEF. B'hekk, l-għajnuna finanzjarja fil-qafas ta' dan ir-Regolament, kull fejn ikun possibbli, għandha titneħħa gradwalment, u għandhom jiġu mobilizzati fondi minn sorsi li mhumiex is-CEF, fejn dan ikun meħtieġ.

(8) Huwa importanti li l-infrastrutturi ta' servizzi diġitali li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-obbligi legali skont il-liġi tal-Unjoni u/jew li qegħdin jiżviluppaw jew jipprovdu elementi modulari, b'potenzjal ta' impatt qawwi fuq l-iżvilupp ta' servizzi pubbliċi pan-Ewropej, jiġu ffinanzjati sabiex jiġu appoġġati infrastrutturi multipli ta' servizzi diġitali, u sabiex tinbena progressivament ekosistema ta' interoperabbiltà Ewropea. F'dan il-kuntest, l-obbligi legali jfissru dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrikjedu jew l-iżvilupp jew l-użu ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali, jew li jirrikjedu riżultati li jistgħu jinkisbu biss permezz ta' infrastrutturi Ewropej ta' servizzi diġitali.

(9) Bħala infrastrutturi tas-servizzi diġitali stabbiliti sewwa, għandha tingħata prijorità lill-finanzjament ta' Europeana u Internet Aktar Sikur għat-Tfal. B'mod partikolari, għandha tkun żgurata l-kontinwità tal-finanzjament mill-Unjoni lis-CEF minn programmi oħra tal-Unjoni, fl-ewwel snin tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu 2014-2020stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ([3]), biex tippermetti l-forniment ta' servizz b'suċċess u mingħajr qtugħ fl-istess livell previst bl-iskema ta' finanzjament attwali. Fl-10 ta' Mejju 2012, il-Kunsill issottolinja l-importanza vitali li tkun żgurata l-vijabbiltà fit-tul ta' Europeana, inkluż f'termini ta' governanza u finanzjament ([4]).

(10) Għandu jkun żgurat ambjent online sikur, inklużiv u pożittiv għat-tfal u ż-żgħażagħ. Bħala miżura kruċjali għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent online, għandu jkun żgurat il-funzjonament tal-Programm Internet Aktar Sikur wara l-2014. Bl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-implimentazzjoni ta' Strateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal fil-livell tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri għandha tingħata appoġġ finanzjarju, b'mod partikolari fir-rigward ta' Ċentri għal Internet Aktar Sikur (SICs) fl-Istati Membri. L-attivitajiet tal-SICs, inklużi n-nodi ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet oħra ta' sensibilizzazzjoni, għajnuna telefonika għat-tfal, il-ġenituri u min jieħu ħsieb it-tfal dwar l-aħjar mod kif it-tfal jużaw l-internet, kif ukoll linji telefoniċi diretti għar-rapportar ta' kontenut ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet, huma element ewlieni u prerekwiżit għas-suċċess ta' dik l-istrateġija.

(11) Att futur tal-Unjoni dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi ta' fiduċja għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern ser jiddetermina r-rekwiżiti dettaljati u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ta' abilitaturi ewlenin, li minn hawn 'il quddiem qed jissejħu l-elementi modulari tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali. Dak l-att ser ikopri diversi mill-elementi modulari l-aktar importanti, pereżempju l-identifikazzjoni elettronika u l-firma elettronika bħala parti mill-proġetti ta' interess komuni msemmijin fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

([1]) Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

([2]) Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

([3]) Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

([4]) ĠU C 169, 15.6.2012, p. 5.

(12) Infrastrutturi ta' servizzi diġitali implimentati skont id-Deċiżjoni 922/2009/KE se jiffaċilitaw l-interazzjoni elettronika minn naħa għal oħra tal-fruntieri u bejn is-setturi fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej. Dan, minnaħa tiegħu, se jippermetti l-għoti ta' servizzi essenzjali, fost l-oħrajn, f'oqsma bħall-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni elettronika u l-akkwist elettroniku, l-interkonnessjoni transkonfinali tar-reġistri tan-negozji, servizzi tas-saħħa elettroniċi transkonfinali u interoperabbli, kif ukoll il-kooperazzjoni transkonfinali dwar iċ-ċibersigurtà, b'mod li jikkontribwixxi lejn is-Suq Uniku Diġitali. Tali interazzjoni fost l-amministrazzjonijiet se tinkiseb bil-ħolqien u/jew bit-tisħiħ ta' pjattaformi interoperabbli ta' servizzi ewlenin, mibnija fuq elementi modulari komuni eżistenti, u/jew billi jiġu pprovduti elementi modulari addizzjonali essenzjali għall-iżvilupp ta' pjattaformi oħra ta' servizzi ewlenin, u servizzi ġeneriċi relatati li jikkollegaw l-infrastrutturi nazzjonali ma' pjattaformi ta' servizzi ewlenin għat-twassil ta' servizzi diġitali transkonfinali.

(13) L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex ikunu involuti bis-sħiħ u b'mod effettiv fil-governanza tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali, u għandhom jiżguraw li l-proġetti ta' interess komuni marbutin mat-twassil transkonfinali ta' servizzi ta' gvern elettroniku jqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Fondazzjoni Ewropea tal-Internet (EIF).

(14) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-'Broadband Ewropew: investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment' ([1]), il-Parlament Ewropew saħaq li s-servizzi tal-broadband huma essenzjali għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni, u jikkontribwixxi bil-kbir lejn it-tkabbir ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità fl-Unjoni. L-investiment f'teknoloġija mill-aktar avvanzata li tibqa' valida fil-futur huwa kruċjali biex l-Unjoni tkun id-dar tal-innovazzjoni, l-għarfien u s-servizzi.

(15) Suq Ewropew bi kważi 500 miljun persuna kkollegata mal-broadband b'veloċità għolja jservi sabiex jixpruna l-iżvilupp tas-suq intern, billi joħloq massa kritika ta' utenti li tkun unika fid-dinja u jesponi lir-reġjuni kollha għal opportunitajiet ġodda u jagħti lil kull utent valur miżjud, kif ukoll jagħti lill-Unjoni l-kapaċità li tkun ekonomija bbażata fuq l-għarfien minn ta' quddiem fid-dinja. Id-distribuzzjoni rapida ta' networks tal-broadband b'veloċità għolja hija kruċjali għall-iżvilupp tal-produttività tal-Unjoni u għall-iżvilupp ta' intrapriżi ġodda u żgħar li jistgħu jkunu minn ta' quddiem f'setturi differenti, bħal fil-kura tas-saħħa, fil-manifattura u fl-industrija tas-servizzi.

(16) Il-kombinazzjoni ta' opportunitajiet ġodda fl-infrastruttura u ta' servizzi innovattivi u interoperabbli ġodda għandha toħloq ċirku virtwuż billi tistimola żieda fit-talba għal broadband b'veloċità għolja li jkun għaqli mill-perspettiva kummerċjali li titwieġeb tajjeb.

(17) L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa tistipula li, sal-2020, l-Ewropej kollha għandu jkollhom aċċess għal veloċitajiet tal-internet 'il fuq minn 30 Mbps, u 50 % jew aktar mid-djar Ewropej għandhom ikunu abbonati għal konnessjonijiet tal-internet ta' 'l fuq minn 100 Mbps.

(18) Minħabba l-iżvilupp rapidu tas-servizzi diġitali u ta' applikazzjonijiet li jirrikjedu konnessjonijiet tal-internet dejjem aktar veloċi kif ukoll l-evoluzzjoni mgħaġġla ta' teknoloġiji mill-aktar avvanzati li jippermettu dan, huwa xieraq li fil-qafas ta' evalwazzjoni tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa tiġi kkunsidrata reviżjoni tal-miri tal-broadband għall-2020 biex ikun żgurat li l-Unjoni jkollha veloċitajiet tal-broadband kompetittivi meta mqabbla mal-ekonomiji l-oħra fid-dinja.

(19) Uħud mill-proġetti tal-broadband għandhom ikunu aktar ambizzjużi, u jimmiraw għal veloċitajiet ogħla biex b'hekk iservu bħala proġetti pilota għal konnettività aktar veloċi u mudelli li potenzjalment jiġu replikati.

(20) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 dwar l-'Aġenda Diġitali għat-Tkabbir, il-Mobbiltà u l-Impjieg: Wasal iż-żmien li nħaffu l-ħidma tagħna', il-Parlament Ewropew saħaq li mira progressiva riveduta tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa għall-2020 għandha tkun li d-djar kollha fl-Unjoni jkollhom broadband li jipprovdi 100 Mbps, waqt li l-abbonament ta' 50 % tad-djar ikun ta' 1 Gbps jew aktar.

(21) Is-settur privat għandu jiżvolġi r-rwol ewlieni fl-installazzjoni u l-immodernizzar ta' networks tal-broadband, b'appoġġ ta' qafas regolatorju kompetittiv u favur l-investiment. Fejn l-investiment privat ma jkunx biżżejjed, l-Istati Membri għandhom iwettqu l-isforzi meħtieġa biex jilħqu l-miri tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa. L-għajnuna finanzjarja pubblika għall-broadband għandha tkun limitata għal programmi jew inizjattivi maħsuba għal proġetti li ma jistgħux jiġu ffinanzjati mis-settur privat waħdu, wara konferma minn valutazzjoni ex-ante li tidentifika nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjoni ta' investiment mhux ottimali, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

([1]) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 89.

([2]) Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

(22) L-istrumenti finanzjarji għan-networks tal-broadband ma għandhomx joħolqu distorsjoni illeċita tal-kompetizzjoni, jieħdu post l-investimenti privati, jew joħolqu diżinċentivi li jġiegħlu lill-operaturi privati ma jinvestux. B'mod partikolari, għandhom ikunu konformi mal-Artikoli 101, 102, 106 u 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) kif ukoll, fejn ikun rilevanti, mal-Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fir-rigward tad-distribuzzjoni rapida tan-networks tal-broadband.

(23) L-infiq li jsir għall-finanzjament pubbliku ta' networks tal-broadband għandu jsir biss fuq infrastrutturi li jikkonformaw mal-liġi applikabbli, b'mod partikolari l-liġi tal-kompetizzjoni, u mal-obbligi dwar l-aċċess skont id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(24) Minħabba li r-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-qafas tas-CEF huma limitati, l-għajnuna finanzjarja għandha tiffoka fuq l-istabbiliment ta' mekkaniżmi finanzjarji fuq il-livell tal-Unjoni sabiex jiġbdu investimenti addizzjonali, jippromwovu effett ta' tkattir, u b'hekk jiffaċilitaw l-użu effiċjenti ta' fondi privati u fondi oħra pubbliċi għall-investiment. Dan l-approċċ jagħti lok għall-kontributi mingħand in-negozji u l-atturi istituzzjonali, ħafna lil hinn mil-livelli ta' finanzjament eliġibbli direttament permezz tas-CEF.

(25) Minħabba l-limiti tar-riżorsi finanzjarji fil-qafas tas-CEF u biex ikun żgurat finanzjament xieraq għall-infrastrutturi tas-servizzi diġitali, l-allokazzjoni baġitarja totali għall-broadband ma għandhiex tkun iżjed mill-ammont minimu meħtieġ għall-istabbiliment ta' intervent kost-effiċjenti, li għandu jiġi determinat b'valutazzjoni ex-ante li tieħu kont, fost oħrajn, tat-tip ta' strumenti finanzjarji previsti, l-effett potenzjali ta' lieva għall-portafoll ta' proġett effiċjenti minimu, u l-kondizzjonijiet tas-suq.

(26) L-għajnuna tas-CEF għall-implimentazzjoni tal-broadband għandha tikkomplementa l-għajnuna pprovduta fil-qafas ta' programmi u inizjattivi oħra tal-Unjoni, inklużi l-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (Fondi ESI) f'każijiet fejn valutazzjoni ex-ante tidentifika nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, u fejn jiġi deċiż hekk mill-awtoritajiet ta' ġestjoni. L-għajnuna finanzjarja tas-CEF għall-implimentazzjoni tal-broadband għandha tikkontribwixxi lejn l-isforzi tal-Istati Membri kemm b'mod dirett kif ukoll billi tipprovdi mezz ta' investiment għall-kontributi volontarji u delimitati minn sorsi oħra, inklużi l-Fondi ESI, u b'hekk tippermetti lill-Istati Membri jisfruttaw l-għarfien espert u l-effetti ta' skala ta' faċilitajiet ġestiti mill-Unjoni bil-għan li tiżdied l-effiċjenza tal-infiq pubbliku.

(27) Biex ikun żgurat l-aħjar valur għall-infiq, u minħabba l-limiti fir-riżorsi, il-finanzjament tas-CEF għandu jkun disponibbli għal proġetti li jiddependu mit-teknoloġija l-aktar adatta għall-proġett speċifiku, jistgħu jixprunaw mudelli innovattivi ta' negozju u juru potenzjal tajjeb għar-replikazzjoni. Meta l-proġetti jkunu ffinanzjati minn kontributi volontarji fil-qafas tas-CEF, bħall-Fondi ESI jew permezz ta' finanzjament nazzjonali jew reġjonali, il-kriterji tal-eliġibbiltà għandhom ikunu aktar flessibbli u jqisu s-sitwazzjoni speċifika u l-kondizzjonijiet fl-oqsma li dak il-finanzjament ikun intenzjonat li jservi.

(28) L-Unjoni tista' tappoġġa l-implimentazzjoni ta' networks tal-broadband li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa f'kull tip ta' żona. It-tnaqqis tad-distakk diġitali u ż-żieda fl-inklużjoni diġitali huma għanijiet importanti tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa. L-azzjonijiet kollha tal-Unjoni fil-qasam tal-broadband għandhom għalhekk jindirizzaw il-ħtiġijiet speċjali tar-reġjuni suburbani, rurali, u b'mod partikolari b'popolazzjoni skarsa u inqas żviluppati, li jeħtiġilhom ikunu kkollegati. Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' networks tal-broadband biex jikkollegaw gżejjer, reġjuni bla baħar, reġjuni muntanjużi, reġjuni remoti u periferiċi, inklużi Stati Membri li huma gżejjer, mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni, u/jew azzjonijiet biex itejbu l-affidabbiltà jew il-prestazzjoni tal-konnessjonijiet bejn tali reġjuni u r-reġjuni ċentrali tal-Unjoni.

(29) Sabiex jitlesta s-Suq Uniku Diġitali, għandha tkun inkoraġġuta l-kompatibbiltà bejn il-programm tas-CEF u l-azzjonijiet nazzjonali u reġjonali dwar il-broadband.

(30) Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-forom ta' għajnuna finanzjarja għandhom ikunu allinjati mal-karatteristiċi tal-azzjonijiet ikkonċernati. B'hekk, fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali, pjattaformi ta' servizzi ewlenin, li ma jistgħux jiġi ffinanzjati minn sorsi oħra, għandhom jingħataw prijorità għall-finanzjament fil-forma ta' akkwist pubbliku jew, b'mod eċċezzjonali, fil-forma ta' għotjiet, filwaqt li s-servizzi ġeneriċi għandhom jingħataw biss għajnuna finanzjarja limitata mis-CEF. Barra minn hekk, kull għajnuna finanzjarja mis-CEF għandha timmira għall-użu effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni u, għaldaqstant, in-networks tal-broadband għandhom ikunu appoġġati minn strumenti finanzjarji, li jiżguraw effett ta' lieva aktar milli jagħmlu l-għotjiet.

(31) Intervent taħt dan ir-Regolament għandu jimmira lejn il-ksib ta' sinerġiji u interoperabbiltà bejn il-proġetti differenti ta' interess komuni deskritti fl-Anness, kif ukoll ma' infrastrutturi oħra, inklużi l-infrastrutturi tat-trasport u tal-enerġija appoġġati mis-CEF, l-infrastrutturi rilevanti ta' riċerka appoġġati, fost l-oħrajn, minn Orizzont 2020, u l-infrastrutturi rilevanti appoġġati mill-Fondi ESI, filwaqt li jkunu evitati d-duplikazzjoni u l-piż amministrattiv bla bżonn.

([1]) Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7).

(32) L-għajnuna finanzjarja għal proġetti ta' interess komuni għandhom ikunu kkomplementati minn azzjonijiet orizzontali, inklużi l-għajnuna teknika, miżuri ta' xprunar tad-domanda, u l-koordinazzjoni, li għandhom jimmiraw li jimmassimizzaw l-impatt tal-intervent tal-Unjoni.

(33) Meta tiġi biex talloka fondi għall-intervent f'networks tal-broadband, il-Kummissjoni għandha tqis ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji eżistenti tal-Unjoni.

(34) Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Grupp Espert ta' rappreżentanti tal-Istati Membri kollha, li għandhom jiġu kkonsultati dwar, u jikkontribwixxu għal, fost l-oħrajn, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-ippjanar, l-evalwazzjoni, u l-indirizzar tal-problemi ta' implimentazzjoni.

(35) Il-Grupp Espert għandu jikkoopera wkoll ma' dawk l-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, bħall-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-fornituri tal-aċċess għall-internet, l-amministraturi ta' network pubbliku u l-manifatturi tal-komponenti kif ukoll l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(36) Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 jistabbilixxi l-Kumitat ta' Koordinazzjoni tas-CEF, li huwa wkoll kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 ukoll jikkonferixxi lill-Kummissjoni is-setgħa li tadotta, f'konformità mal-proċedura ta' eżami, programmi ta' ħidma annwali u pluriennali, inkluż fis-settur tat-telekomunikazzjoni, dan tal-aħħar suġġett għal dan ir-Regolament. Huwa importanti li jkun iċċarat f'dan ir-rigward li l-Istati Membri, meta jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari abbozzi ta' programmi ta' ħidma annwali u pluriennali, għandhom ikunu rrappreżentati fil-Kumitat ta' Koordinazzjoni tas-CEF minn esperti fis-settur tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni.

(37) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, partikolarment l-iżvilupp koordinat tan-networks trans-Ewropej fis-settur tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-karattru transkonfinali tal-infrastrutturi appoġġati, u l-effetti fuq it-territorju kollu tal-Unjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(38) Sabiex jappoġġa proġetti ta' interess komuni fis-setturi ta' infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija, ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 jiddetermina l-kondizzjonijiet, metodi u proċeduri għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni lil networks trans-Ewropej. Huwa jistabbilixxi wkoll it-tqassim tar-riżorsi li għandhom isiru disponibbli taħt ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 fit-tliet setturi kollha. Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 huwa applikabbli mill-1 ta' Jannar 2014. Huwa għalhekk meħtieġ l-allinjament ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 u mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

(39) Id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandha titħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi linji gwida għall-implimentazzjoni f'waqtha u l-interoperabbiltà ta' proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni.

2. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jipprevedi:

(a) l-objettivi għall-proġetti ta' interess komuni u l-prijoritajiet operattivi tagħhom;

(b) l-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni;

(c) il-kriterji li taħthom azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, l-installazzjoni, l-interkonnessjoni, u l-interoperabbiltà tagħhom;

(d) prijoritajiet għal finanzjament għal proġetti ta' interess komuni.

([1]) Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) (ĠU L 337, 18.12.2009, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([3]) Deċiżjoni Nru 1336/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar serje ta' linji gwida għan-networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej (ĠU L 183, 11.7.1997, p. 12).

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "infrastruttura tat-telekomunikazzjoni" tfisser networks tal-broadband u infrastrutturi tas-servizzi diġitali;

(b) "infrastrutturi ta' servizzi diġitali" tfisser infrastrutturi li jippermettu servizzi f'network li jitwasslu b'mod elettroniku, tipikament permezz tal-internet, biex jipprovdu servizzi interoperabbli trans-Ewropej ta' interess komuni għal ċittadini, negozji u/jew awtoritajiet pubbliċi, u li huma magħmulin minn pjattaformi ta' servizzi ewlenin u servizzi ġeneriċi;

(c) "elementi modulari" tfisser infrastrutturi bażiċi ta' servizzi diġitali, li huma abilitanti essenzjali li għandhom jerġgħu jintużaw f'infrastrutturi aktar komplessi ta' servizzi diġitali;

(d) "pjattaformi ta' servizzi ewlenin" tfisser ċentri li jservu bħala pern għall-infrastrutturi ta' servizzi diġitali li jimmiraw li jiżguraw il-konnettività, l-aċċess u l-interoperabbiltà trans-Ewropea, u li jkunu miftuħin għall-Istati Membri u jistgħu jkunu miftuħin għal entitajiet oħra;

(e) "servizzi ġeneriċi" tfisser servizzi ta' pont li jikkollegaw infrastruttura nazzjonali waħda jew aktar ma' pjattaforma jew pjattaformi ta' servizzi ewlenin;

(f) "networks tal-broadband" tfisser networks ta' aċċess bil-fili u mingħajr fili, infrastruttura anċillari u networks ċentrali li kapaċi jwasslu konnettività ta' veloċità għolja ħafna;

(g) "azzjonijiet orizzontali" tfisser studji u azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi kif definiti fil-punti (6) u (7) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, rispettivament.

*Artikolu 3*

**Objettivi**

1. Il-proġetti ta' interess komuni għandhom jikkontribwixxu għall-ksib tal-objettivi ġenerali speċifikati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

2. Minbarra l-objettivi ġenerali, il-proġetti ta' interess komuni għandhom ifittxu objettiv wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) it-tkabbir ekonomiku u l-appoġġ għat-tlestija u l-funzjonament tas-suq intern b'appoġġ għall-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, inklużi l-impriżi żgħar u medji (SMEs).

(b) titjib fil-ħajja ta' kuljum għal ċittadini, negozji u awtoritajiet pubbliċi f'kull livell permezz tal-promozzjoni ta' networks tal-broadband, tal-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-networks ta' broadband nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll l-aċċess mingħajr diskriminazzjoni għal dawk in-networks u l-inklużjoni diġitali.

3. Il-prijoritajiet operattivi li ġejjin għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi msemmija fil-paragrafi (1) u (2):

(a) l-interoperabbiltà, il-konnettività, l-iżvilupp sostenibbli, l-operat u t-tiġdid tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali trans-Ewropej, kif ukoll il-koordinazzjoni fil-livell Ewropew;

(b) il-fluss effiċjenti ta' investimenti privati u pubbliċi biex jistimulaw l-installazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' networks tal-broadband bil-għan li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-broadband tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa.

*Artikolu 4*

**Proġetti ta' interess komuni**

1. Il-proġetti ta' interess komuni għandhom, b'mod partikolari:

(a) jimmiraw lejn il-ħolqien u/jew it-tisħiħ ta' pjattaformi ta' servizzi ewlenin interoperabbli u, fejn ikun possibbli, kompatibbli internazzjonalment, akkumpanjati minn servizzi ġeneriċi għall-infrastrutturi ta' servizzi diġitali;

(b) jipprovdu mezzi effiċjenti ta' investiment għal networks tal-broadband, jiġbdu kategoriji ġodda ta' investituri u promoturi ta' proġetti, u jħeġġu r-replikabbiltà ta' proġetti u mudelli ta' negozju innovattivi.

2. Il-proġetti ta' interess komuni jistgħu jkopru ċ-ċiklu sħiħ tagħhom, inklużi l-istudji tal-fattibilità, l-implimentazzjoni, l-operat u t-titjib kontinwu, il-koordinazzjoni u l-evalwazzjoni.

3. Il-proġetti ta' interess komuni jistgħu jkunu appoġġati permezz ta' azzjonijiet orizzontali.

4. Il-proġetti ta' interess komuni, u azzjonijiet li jikkontribwixxu għalihom, huma deskritti aktar fil-fond fl-Anness.

*Artikolu 5*

**Metodi ta' intervent**

1. Fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali, il-pjattaformi ta' servizzi ewlenin għandhom jiġu implimentati primarjament mill-Unjoni, filwaqt li s-servizzi ġeneriċi għandhom jiġu implimentati mill-partijiet li jikkollegaw mal-pjattaforma rilevanti ta' servizzi ewlenin. L-investimenti f'networks tal-broadband għandhom isiru l-aktar mis-settur privat, appoġġat minn qafas regolatorju kompetittiv u li jiffavorixxi l-investiment. L-appoġġ pubbliku għan-networks tal-broadband għandu jingħata biss fejn ikun hemm nuqqas tas-suq jew sitwazzjoni ta' investiment subottimali.

2. L-Istati Membri u entitajiet oħra inkarigati minn, jew li jikkontribwixxu għal, l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni għandhom ikunu mħeġġa jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni. Id-deċiżjoni aħharija dwar l-implimentazzjoni ta' proġett ta'

interess komuni li jirrigwarda t-territorju ta' Stat Membru għandha tittieħed wara l-approvazzjoni ta' dak l-Istat Membru.

3. L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni, li jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarju tal-Unjoni taħt il-kondizzjonijiet u l-istrumenti disponibbli fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013. L-assistenza finanzjarja għandha tingħata f'konformità mar-regoli rilevanti u l-proċeduri adottati mill-Unjoni, skont il-prijoritajiet ta' finanzjament stipulati fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament u d-disponibbiltà ta' riżorsi, b'kont meħud tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-benefiċjarji.

4. L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastrutturi ta' servizzi diġitali għandhom jiġu appoġġati permezz ta':

(a) akkwist pubbliku; u/jew

(b) għotjiet.

5. L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-networks tal-broadband għandhom jiġu appoġġati permezz ta':

(a) strumenti finanzjarji kif iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1316/2013, li għandhom ikunu miftuħin għal kontribuzzjonijiet addizzjonali minn setturi oħrajn tas-CEF, strumenti, programmi u linji tal-baġit oħra fil-baġit tal-Unjoni, l-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u kwalunkwe investitur ieħor, inklużi investituri privati f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013; u /jew

(b) il-kombinazzjoni ta' strumenti finanzjarji u għotjiet minn sorsi pubbliċi barra mis-CEF, kemm jekk ikunu sorsi pubbliċi tal-Unjoni kif ukoll jekk ikunu nazzjonali.

6. L-azzjonijiet orizzontali għandhom jiġu appoġġati permezz ta':

(a) akkwist pubbliku; u/jew

(b) għotjiet.

7. L-ammont totali tal-baġit allokat għall-istrumenti finanzjarji għal networks tal-broadband ma għandux jaqbeż il-minimu neċessarju għall-istabbiliment ta' interventi kost-effiċjenti li għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' valutazzjonijiet ex-ante kif imsemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

Dak l-ammont għandu jkun ta' 15 % tal-pakkett finanzjarju għas-settur tat-telekomunikazzjoni msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

8. Mill-anqas terz tal-proġetti tal-broadband li jirċievu assistenza finanzjarja taħt dan ir-Regolament għandhom jimmiraw lejn veloċitajiet ta' aktar minn 100Mbps.

9. Sussegwentement għar-rapport imsemmi fl-Artikolu 8(6), il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu, fuq proposta mill-Kummissjoni, jirrivedu l-ammont iddeterminat f'konformità mal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu u l-proporzjon ta' proġetti msemmijin fil-paragrafu 3e ta' dan l-Artikolu.

10. Fejn l-appoġġ mingħand is-CEF jikkomplementa l-Fondi ESI u appoġġ pubbliku dirett ieħor, il-ksib ta' sinerġiji bejn l-azzjonijiet tas-CEF u l-appoġġ mill-Fondi ESI jista' jissaħħaħ bl-użu ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni xieraq.

*Artikolu 6*

**Kriterji ta' eliġibbiltà u prijoritajiet għall-finanzjament**

1. L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastrutturi ta' servizzi diġitali għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin kollha biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament:

(a) ikollhom maturità suffiċjenti biex jiġu stazzjonati, kif ikun ippruvat partikolarment permezz ta' proġetti pilota li jkollhom suċċess taħt programmi bħall-programmi tal-Unjoni relatati mal-innovazzjoni u r-riċerka;

(b) jikkontribwixxu għall-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni b'appoġġ għas-suq intern;

(c) joħolqu valur miżjud Ewropew u jkollhom strateġija u ppjanar għal sostenibbiltà fit-tul, fejn xieraq permezz ta' sorsi ta' finanzjament barra s-CEF, li l-kwalità tagħhom għandha tintwera minn valutazzjoni tal-fattibbiltà u tal-kosti mqabbla mal-benefiċċji. Tali strateġija għandha tiġi aġġornata meta jkun xieraq;

(d) jikkonformaw ma' standards internazzjonali u/jew Ewropej jew speċifikazzjonijiet miftuħa u orjentazzjonijiet għall-interoperabbiltà, bħall-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, u jisfruttaw soluzzjonijiet eżistenti.

2. Is-selezzjoni ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastrutturi ta' servizz diġitali li għandhom ikunu finanzjati taħt is-CEF, kif ukoll il-livell ta' finanzjament tagħhom, għandha ssir bħala parti minn programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

3. L-elementi modulari essenzjali, u bi prospetti dimostrabbli li jistgħu jintużaw, għall-iżvilupp, l-istazzjonament u l-operat ta' infrastrutturi oħra ta' servizzi diġitali kif elenkati fit-Taqsima 1.1 tal-Anness għandhom jingħataw l-ogħla prijorità għall-finanzjament.

4. It-tieni prijorità għandha tingħata lill-infrastrutturi oħra ta' servizzi diġitali b'appoġġ għal-liġi, il-politiki u l-programmi tal-Unjoni, kif elenkati fit-Taqsimiet 1.2 u 1.3 tal-Anness u, fejn possibbli, tkun ibbażata fuq elementi modulari eżistenti.

5. L-appoġġ għal pjattaformi ta' servizzi ewlenin għandhom jieħdu prijorità fuq servizzi ġeneriċi oħrajn.

6. Abbażi tal-objettivi previsti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, id-deskrizzjoni ta' proġetti ta' interess komuni fl-Anness għal dan ir-Regolament u b'kunsiderazzjoni tal-baġit disponibbli, il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 jistgħu jistabbilixxu aktar kriterji ta' eliġibbiltà u ta' prijorità fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali.

7. L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-networks tal-broadband għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin kollha biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament:

(a) jagħtu kontribut sinifikanti għall-ilħiq tal-miri tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa;

(b) ikollhom stadji ta' żvilupp u tħejjija tal-proġett maturi biżżejjed, msejsa minn mekkaniżmi effettivi ta' implimentazzjoni;

(c) jindirizzaw nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment;

(d) ma jwasslux għal distorsjoni fis-suq jew għas-soppressjoni tal-investiment privat;

(e) jużaw it-teknoloġija meqjusa l-aktar xierqa biex tindirizza l-bżonnijiet taż-żona ġeografika konċernata, b'kont meħud ta' fatturi ġeografiċi, soċjali u ekonomiċi, abbażi ta' kriterji oġġettivi, u f'konformità man-newtralità teknoloġika;

(f) jużaw it-teknoloġija li hija l-aktar adatta għall-proġett speċifiku, filwaqt li jipproponu l-aħjar bilanċ bejn teknoloġiji tal-ogħla livell f'termini ta' kapaċità ta' fluss ta' data, sigurtà ta' trasmissjoni, reżistenza tan-network, u kosteffiċjenza;

(g) ikollhom potenzjal għoli ta' replikabbiltà u/jew jissejsu fuq mudelli ta' negozju innovattivi.

8. Il-kriterji msemmija fil-punt (g) tal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu meħtieġa għal proġett iffinanzjat minn kontribuzzjonijiet addizzjonali delimitati pprovduti f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

9. L-azzjonijiet orizzontali għandhom jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kriterji li ġejjin sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament:

(a) iħejju jew jappoġġaw azzjonijiet ta' implimentazzjoni fl-użu, governanza tagħhomu jindirizzaw problemi ta' implimentazzjoni eżistenti jew emerġenti;

(b) joħolqu domanda ġdida għal infrastrutturi ta' servizzi diġitali.

*Artikolu 7*

**Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali**

1. L-Unjoni tista' tistabbilixxi kuntratti, tiddiskuti u tiskambja informazzjoni u tikkoopera ma' awtoritajiet pubbliċi jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra f'pajjiżi terzi sabiex tilħaq kwalunkwe għan segwit f'dan ir-Regolament. Fost għanijiet oħrajn, din il-kooperazzjoni għandha tfittex li tippromwovi l-interoperabbiltà bejn networks fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni fl-Unjoni u networks simili f'pajjiżi terzi.

2. Il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jipparteċipaw fis-settur tas-CEP li jkopri l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni f'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fil-Ftehim taż-ŻEE.

3. B'deroga mill-Artikoli 8(3) u 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, l-Istati fit-triq tal-adeżjoni u l-pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni jistgħu jipparteċipaw fis-settur tas-CEF li jkopri l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mal-Unjoni.

4. Għall-finijiet tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-EFTA, is-settur tas-CEF li jkopri l-infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni għandu jiġi kkunsidrat bħala programm separat.

*Artikolu 8*

**Skambju ta' informazzjoni, monitoraġġ u rappurtar**

1. Abbażi tal-informazzjoni riċevuta taħt it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fejn meħtieġ, L-Istati Membri għandhom jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ħarsa ġenerali ta' kull sena ta' dik l-informazzjoni u tippreżentaha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta u tiġi assistita minn Grupp ta' Esperti, iffurmat minn rappreżentant minn kull Stat Membru. B'mod partikolari, il-Grupp ta' Esperti għandu jassisti lill-Kummissjoni fi:

(a) il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(b) il-kunsiderazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali jew l-istrateġiji nazzjonali, fejn applikabbli;

(c) it-teħid ta' miżuri biex jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma fuq livell finanzjarju u tekniku;

(d) l-indirizzar ta' problemi eżistenti jew emerġenti ta' implimentazzjoni tal-proġetti.

(e) id-definizzjoni ta' orjentazzjonijiet strateġiċi qabel ma jitfasslu l-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, b'attenzjoni partikolari għall-għażla u l-irtirar ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni u d-determinazzjoni tat-tqassim tal-baġit, kif ukoll ir-reviżjoni ta' dawk il-programmi ta' ħidma.

3 Il-Grupp ta' Esperti jista' jikkunsidra wkoll kwalunkwe kwistjoni oħra marbuta mal-iżvilupp tan-networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni.

4 Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Grupp ta' Esperti dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

5 Il-Grupp ta' Esperti għandu jikkoopera ma' entitajiet involuti fl-ippjanar, l-iżvilupp u l-ġestjoni tan-networks u s-servizzi diġitali kif ukoll ma' partijiet interessati oħrajn.

Il-Kummissjoni u entitajiet oħra responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, bħall-Bank Ewropew tal-Investiment, għandhom jagħtu każ partikolari għall-osservazzjoni tal-Grupp ta' Esperti.

6. Flimkien mal-evalwazzjoni ta' nofs il-perijodu u dik ex-post tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 kif imsemmi fl-Artikolu 27 ta' dak ir-Regolament, u bl-assistenza tal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

7. Ir-rapport għandu jipprovdi evalwazzjoni tal-progress miksub fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni, inkluż fejn jiġi ffaċċjat dewmien rilevanti fl-implimentazzjoni u diffikultajiet, kif ukoll informazzjoni dwar impenji u pagamenti.

8. Fir-rapport, il-Kummissjoni għandha tevalwa wkoll jekk l-ambitu tal-proġetti ta' interess komuni jibqax jirrefletti l-iżviluppi teknoloġiċi u innovazzjonijiet, kif ukoll żviluppi regolatorji jew ekonomiċi u tas-suq, u jekk, fid-dawl ta' tali żviluppi u tal-bżonn ta' sostenibbiltà fit-tul, il-finanzjament għal kwalunkwe mill-proġetti ta' interess komuni appoġġati għandux jitneħħa b'mod progressiv, jew għandux jiġi minn sorsi oħra. Għal proġetti li aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, dawk ir-rapporti għandhom jinkludu analiżi tal-impatt ambjentali, fejn jiġu kkunsidrati, fejn xieraq, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ħtiġijiet ta' mitigazzjoni, u r-reżiljenza għad-diżastri. Tali valutazzjoni tista' titwettaq ukoll fi kwalunkwe żmien ieħor meta din tidher li tkun xierqa.

9. Il-ksib tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 għandhom jitkejlu ex-post, fost l-oħrajn, abbażi ta':

(a) id-disponibbiltà ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali, imkejla bl-għadd ta' Stati Membri konnessi ma' kull infrastruttura ta' servizzi diġitali;

(b) il-perċentwal ta' ċittadini u negozji li jużaw l-infrastrutturi ta' servizzi diġitali, u d-disponibbiltà ta' tali servizzi b'mod transkonfinali;

(c) il-volum ta' investimenti miġbuda fil-qasam tal-broadband, u l-effett ta' lieva, għal proġetti finanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet mis-sorsi pubbliċi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 5(5).

*Artikolu 9*

## Tħassir

Id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE hija b'dan imħassra.

*Artikolu 10*

## Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Marzu 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |

*ANNESS*

**PROĠETTI TA' INTERESS KOMUNI**

TAQSIMA 1. INFRASTRUTTURI TA' SERVIZZI DIĠITALI

Interventi fil-qasam tal-infrastruttura ta' servizzi diġitali ġeneralment iserrħu fuq approċċ arkitettoniku ta' żewġ livelli: pjattaformi ta' servizzi ewlenin u servizzi ġeneriċi. Il-pjattaforma ta' servizzi ewlenija hija prekondizzjoni għall-istabbiliment ta' infrastruttura ta' servizzi diġitali.

Il-pjattaformi ta' servizzi ewlenin jindirizzaw il-bżonnijiet ta' interoperabbiltà u sigurtà ta' proġetti ta' interess komuni. Huma intiżi biex jippermettu interazzjonijiet diġitali bejn l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini, bejn l-awtoritajiet pubbliċi u n-negozji u l-organizzazzjonijiet, jew fost l-awtoritajiet pubbliċi ta' Stati Membri differenti, permezz ta' pjattaformi ta' interazzjoni standardizzati, transkonfinali, u ta' użu prattiku u faċli.

L-infrastrutturi ta' servizzi diġitali f'elementi modulari jingħataw prijorità fuq infrastrutturi oħra ta' servizzi diġitali, billi tal-ewwel huma prekondizzjoni għal tat-tieni. Is-servizzi ġeneriċi jipprovdu l-konnessjoni mal-pjattaformi ta' servizzi ewlenin, u jippermetti lis-servizzi nazzjonali ta' valur miżjud li jużaw il-pjattaformi ta' servizzi ewlenin. Jipprovdu portali bejn is-servizzi nazzjonali u l-pjattaformi ta' servizzi ewlenin, u jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u l-organizzazzjonijiet, in-negozji u/jew iċ-ċittadini li jaċċessa l-pjattaforma ta' servizzi ewlenin għat-tranżazzjonijiet transkonfinali tagħhom. Il-kwalità tas-servizzi u l-appoġġ għall-partijiet interessati involuti fit-transazzjonijiet transkonfinali għandhom jiġu żgurati. Għandhom jappoġġaw u jheġġu l-adozzjoni ta' pjattaformi ta' servizzi ewlenin.

L-enfasi ma għandhiex tkun għalkollox fuq il-ħolqien ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali u servizzi relatati, iżda wkoll fuq il-governanza marbuta mal-operat ta' tali pjattaformi.

Pjattaformi ġodda ta' servizzi ewlenin għandhom jissejsu l-aktar fuq pjattaformi eżistenti u l-elementi modulari tagħhom u/jew, fejn possibbli, għandhom iżidu elementi modulari ġodda.

1. L-elementi modulari identifikati għandhom jiġu inklużi fil-programmi ta' ħidma suġġetti għall-Artikolu 6(1) u (3) huma dawn li ġejjin:

   (a) Identifikazzjoni elettronika, u awtentikazzjoni: din tirriferi għal servizzi li jippermettu r-rikonoxximent transkonfinali u l-validazzjoni tal-identifikazzjoni elettronika u l-firma elettronika.

   (b) Twassil elettroniku tad-dokumenti: dan jirriferi għal servizzi għat-trasmissjoni transkonfinali sikura u traċċabbli ta' dokumenti elettroniċi.

   (c) Traduzzjoni awtomatizzata: din tirriferi għal tagħmir ta' awtomatizzazzjoni tat-traduzzjoni u riżorsi lingwistiċi speċjalizzati, inklużi l-għodod neċessarji u l-interfaces ta' programmar meħtieġa għall-operat tas-servizzi diġitali pan-Ewropej f'ambjent multilingwistiku.

   (d) Appoġġ ta' infrastrutturi diġitali kritiċi: dan jirreferi għall-kanali ta' komunikazzjoni u l-pjattaformi intiżi biex jsaħħu l-kapaċità mal-Unjoni kollha għat-tħejjija, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-koordinazzjoni, u r-rispons għat-theddid ċibernetiku.

   (e) Fatturar elettroniku: dan jirreferi għal servizzi li jippermettu l-iskambju sigur elettroniku tal-fatturi.

2. L-infrastrutturi ta' servizz diġitali stabbiliti sewwa li b'mod partikolari jkunu identifikati għall-eliġibbiltà għal finanzjament li jikkontribwixxi għal servizz mingħajr qtugħ, suġġetti għall-Artikolu 6(1):

   (a) Aċċess għal riżorsi diġitali ta' wirt Ewropew. Tirreferi għall-pjattaforma ta' servizzi ewlenin imsejsa fuq il-portal attwali Europeana. Il-pjattaforma tipprovdi l-punt ta' aċċess għall-kontenut ta' wirt kulturali Europeana fil-livell tal-elementi, sett ta' speċifikazzjonijiet ta' interfaċċa għall-interazzjoni mal-infrastruttura (tiftix għal data, tniżżil ta' data), appoġġ għall-adattament ta' metadata u d-dħul ta' kontenut ġdid, kif ukoll informazzjoni dwar kondizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tal-kontenut aċċessibbli permezz tal-infrastruttura.

   (b) Infrastruttura għal servizzi ta' internet aktar sikur. Dan jirreferi għall-pjattaforma għall-ksib, l-operat u l-manutenzjoni ta' faċilitajiet informatiċi maqsuma, bażijiet ta' data, għodod ta' software kif ukoll skambji tal-aħjar prassi għaċ-Ċentri għal Internet aktar Sigur (SICs) fl-Istati Membri. L-operati tal-back office għall-ġestjoni tar-rappurtar ta' kontenut ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq l-Internet huma inklużi wkoll, kif ukoll il-konnessjoni ma' awtoritajiet ta' pulizija, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Interpol, u fejn xieraq, il-ġestjoni tat-tneħħija ta' dan il-kontenut mill-websajts rilevanti. Dan ser ikun appoġġat minn bażijiet ta' data komuni u minn sistemi ta' software komuni. Is-SICs u l-attivitajiet rilevanti tagħhom bħall-għajnuna telefonika, il-linji telefoniċi diretti, in-nodi ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet oħra ta' sensibilizzazzjoni jirrappreżentaw element ewlieni tal-infrastruttura tal-Internet aktar Sigur.

3. Infrastrutturi oħra ta' servizz diġitali identifikati li huma eliġibbli għal finanzjament suġġetti għall-Artikolu 6(1):

(a) Servizzi interoperabbli transkonfinali ta' akkwist elettroniku. Dan jirreferi għal sett ta' servizzi li jistgħu jintużaw minn fornituri ta' servizzi ta' akkwist elettroniku tas-settur pubbliku u dak privat, sabiex jistabbilixxu pjattaformi transkonfinali ta' akkwist elettroniku. Din l-infrastruttura għandha tippermetti lil kwalunkwe kumpanija fl-Unjoni twieġeb għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku minn kwalunkwe awtorità jew entità kontraenti fi kwalunkwe Stat Membru li jkopri attivitajiet ta' akkwist elettroniku ta' qabel u ta' wara l-għoti, inklużi funzjonalitajiet bħat-tressiq elettroniku tal-offerti, portafoll virtwali ta' kumpanija, katalgi elettroniċi, ordnijiet elettroniċi, u fatturar elettroniku.

(b) Servizzi elettroniċi tas-saħħa interoperabbli u transkonfinali. Dan jirreferi għal pjattaformi li jippermetti l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini/il-pazjenti u l-fornituri ta' kura tas-saħħa, it-trażmissjoni tad-data minn istituzzjoni għal oħra u minn organizzazzjoni għal oħra, jew il-komunikazzjoni peer-to-peer bejn iċ-ċittadini/il-pazjenti u/jew il-professjonisti tas-saħħa u l-istituzzjonijiet. Is-servizzi għandhom jikkostitwixxu aċċess transkonfinali għal rekords elettroniċi tas-saħħa, servizzi ta' preskrizzjoni elettronika, kif ukoll kura remota tas-saħħa/teleservizzi ta' għajxien assistit, eċċ.

(c) Il-Pjattaforma Ewropea għall-interkonnessjoni ta' reġistri Ewropej ta' negozji. Tirriferi għal pjattaformi li tipprovdi sett ta' għodod u servizzi ċentrali li jippermettu lir-reġistri ta' negozji fl-Istati Membri kollha jiskambjaw informazzjoni dwar negozji reġistrati, il-fergħat tagħhom, il-merġers u l-istralċi. Għandha tipprovdi wkoll servizz ta' tiftix multilingwistiku u bejn ħafna pajjiżi, għal utenti li jużaw punt ta' aċċess ċentrali aċċessibbli permezz tal-portal tal-Ġustizzja Elettronika.

(d) Aċċess għal informazzjoni tas-settur pubbliku li tista' terġa' tintuża. Dan jirriferi għal pjattaforma għall-punt ta' aċċess uniku għal settijiet ta' data multilingwistiċi (il-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni) miżmuma mill-korpi pubbliċi fl-Unjoni fil-livelli Ewropew, nazzjonali, reġjunali u lokali; għodod ta' tiftix u viżwalizzazzjoni tas-settijiet ta' data; l-iżgurar li s-settijiet ta' data disponibbli jiġu anonimizzati u liċenzjati kif suppost, u fejn applikabbli, jiġu pprezzati għall-pubblikazzjoni, ridistribuzzjoni u użu mill-ġdid, bl-inklużjoni ta' traċċa għall-awditjar tal-oriġini tad-data.

Proċeduri elettroniċi għall-istabbiliment u t-tmexxija ta' negozju f'pajjiż Ewropew ieħor. Dan is-servizz għandu jippermetti li l-proċeduri amministrattivi kollha meħtieġa jitlestew b'mod elettroniku u transkonfinali, permezz ta' punti uniċi ta' kuntatt. Dan is-servizzi huwa rekwiżit fid-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(e) Servizzi online interoperabbli u transkonfinali. Din tirriferi għal pjattaformi li għandhom jiffaċilitaw l-interoperabbiltà u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-oqsma ta' interess komuni, b'mod partikolari bil-ħsieb li jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern, bħall-Ġustizzja elettronika, li ser tippermetti l-aċċess transkonfinali online minn ċittadini, negozji, organizzazzjonijiet u ġuristi għal riżorsi/dokumenti legali u proċeduri ġudizzjarji, is-Soluzzjoni Online tat-Tilwim (ODR) li se tippermetti s-soluzzjoni online ta' tilwim transkonfinali bejn konsumaturi u bejjiegħa u l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI), li ser jgħin lill-korpi tas-sigurtà soċjali mal-Unjoni kollha jiskambjaw l-informazzjoni b'mod aktar rapidu u sigur.

TAQSIMA 2. NETWORKS TAL-BROADBAND

1. **L-ambitu tal-azzjonijiet**

L-azzjonijiet għandhom jikkonsistu, b'mod partikulari, minn komponent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) l-istazzjonament ta' infrastruttura fiżika passiva, infrastruttura fiżika attiva, jew kombinazzjoni tat-tnejn, u elementi ta' infrastruttura anċillari, flimkien mas-servizzi meħtieġa għall-operat ta' tali infrastruttura;

(b) faċilitajiet assoċjati u servizzi assoċjati, bħall-installazzjoni ta' wajers, antenni, torrijiet u kostruzzjonijiet oħra ta' appoġġ fil-bini, kanali, pajpijiet, arbli, toqob tal-ispezzjonar, u kabinetti;

(c) fejn possibbli, għandhom jiġu sfruttati sinerġiji potenzjali bejn l-istazzjonament ta' networks tal-broadband u networks oħra ta' utilitajiet (enerġija, trasport, ilma, drenaġġ, eċċ), b'mod partikolari dawk relatati mad-distribuzzjoni intelliġenti tal-elettriku.

2. **Kontribut biex jintlaħqu l-miri tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa.**

Il-proġetti kollha li jirċievu assistenza finanzjarja taħt din it-taqsima għandhom jikkontribwixxu b'mod sinifikanti sabiex jintlaħqu l-miri tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa

L-azzjonijiet iffinanzjati direttament mill-Unjoni għandhom:

([1]) Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

(a) jissejsu fuq teknoloġija bil-fil jew bla fil kapaċi twassal servizzi tal-broadband b'veloċitajiet għoljin ħafna, u b'hekk tintlaħaq id-domanda għall-applikazzjonijiet li jitolbu medda ta' frekwenzi wiesgħa;

(b) jissejsu fuq mudelli ta' negozju innovattivi u/jew jiġbdu kategoriji ġodda ta' promoturi ta' proġetti, jew kategoriji ġodda ta' investituri; jew

(c) ikollhom potenzjal għoli ta' replikabbiltà, u b'hekk jippermettu l-ksib ta' impatt aktar qawwi fuq is-suq bis-saħħa tal-effett ta' dimostrazzjoni tagħhom;

(d) jassistu fit-tnaqqis tad-distakk diġitali, fejn possibbli;

(e) jikkonformaw mal-liġi applikabbli, b'mod partikolari l-liġi tal-kompetizzjoni, u mal-obbligi dwar l-aċċess f'konformità mad-Direttiva 2002/19/KE.

L-azzjonijiet iffinanzjati minn kontributi addizzjonali delimitati kif previst fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 għandhom iġibu kapaċitajiet sinifikanti ġodda lis-suq f'termini ta' disponibbiltà tas-servizz, veloċitajiet u kapaċità tal-broadband. Il-proġetti li jipprovdu veloċitajiet ta' trasmissjoni tad-data ta' inqas minn 30 Mbps għandhom jiżguraw progressivament iż-żieda fil-veloċitajiet sa 30 Mbps u fejn possibbli sa 100 Mbps u iżjed.

3. **Valutazzjoni tal-proġetti biex jiġu stabbiliti strutturi ottimali ta' finanzjament**

L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet għandha tissejjes fuq valutazzjoni komprensiva tal-proġett. Tali valutazzjoni tal-proġett għandha tkopri, fost l-oħrajn, kondizzjonijiet tas-suq inkluża informazzjoni dwar infrastruttura eżistenti u/jew ippjanata, obbligi regolatorji fuq promoturi ta' proġetti, kif ukoll strateġiji kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni. B'mod partikulari, il-valutazzjoni tal-proġett għandha tistabbilixxi jekk il-programm:

(a) huwiex meħtieġ biex jindirizza nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment, li ma jistgħux jissolvew b'miżuri regolatorji;

(b) iwassalx għal distorsjoni tas-suq u għall-isfullar tal-investiment privat.

Dawn il-kriterji għandhom jiġu stabbiliti primarjament abbażi tal-potenzjal tad-dħul u l-livell ta' riskju assoċjat ma' proġett, kif ukoll it-tip ta' żona ġeografika koperta minn azzjoni.

4. **Sorsi ta' finanzjament**

(a) Il-proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-broadband għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' strumenti finanzjarji. Il-baġit allokat għal dawn l-istrumenti għandu jkun suffiċjenti, iżda ma għandux jaqbeż l-ammont li huwa meħtieġ għall-istabbiliment ta' intervent għalkollox operattiv, u għall-ilħiq ta' daqs minimu ta' strument effiċjenti.

(b) Suġġett għar-regoli tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 u r-regolamenti rilevanti kollha li jikkonċernaw il-Fondi ESI, l-istrumenti finanzjarji msemmija fil-punt (a) jistgħu jiġu kkombinati ma' kontributi addizzjonali minn:

(i) setturi oħrajn tas-CEF;

(ii) strumenti, programmi u linji baġitarji oħra fil-baġit tal-Unjoni;

(iii) Stati Membri, inklużi awtoritajiet reġjonali u lokali, li jiddeċiedu li jikkontribwixxu riżorsi proprji jew ir-riżorsi disponibbli mill-Fondi ESI. Il-kontributi mill-Fondi ESI se jkunu delimitati ġeografikament biex jiġi żgurat li jintefqu fi Stat Membri jew f'reġjun li jagħti kontribut;

(iv) kull investitur ieħor, inklużi l-investituri privati.

(c) Strumenti finanzjarji msemmija fil-punti (a) u (b) jistgħu jiġu kkombinati wkoll ma' għotjiet mingħand Stati Membri, inklużi awtoritajiet reġjonali jew lokali, li jixtiequ jikkontribwixxu riżorsi proprji jew riżorsi disponibbli mill-Fondi ESI, dejjem jekk:

(i) l-azzjoni kkonċernata tissodisfa l-kriterji kollha għall-finanzjament fil-qafas ta' dan ir-Regolament; u

(ii) tkun inkisbet l-approvazzjoni dwar l-għajnuna rilevanti mill-Istat.

TAQSIMA 3. AZZJONIJIET ORIZZONTALI

L-istazzjonament tan-networks fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropea li ser jgħin biex ineħħi l-konġestjoni li teżisti fis-Suq Uniku Diġitali, se jkun akkumpanjat minn studji u azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jikkonsistu minn waħda milli ġejjin:

(a) assistenza teknika għat-tħejjija jew appoġġ għall-azzjonijiet ta' implimentazzjoni fl-istazzjonament tagħhom, fil-governanza tagħhom, u fl-indirizzar ta' problemi eżistenti jew emerġenti ta' implimentazzjoni, jew

(b) azzjonijiet li joħolqu domanda ġdida għal infrastrutturi ta' servizzi diġitali.

L-appoġġ mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu jiġi kkoordinat bl-appoġġ minn kull sors ieħor disponibbli, filwaqt li tkun evitata d-duplikazzjoni tal-infrastruttura u jkun impedit l-ispostament tal-investimenti privati.